MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

8 ta' Novembru 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
John P.Bonnici – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.31pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin. Is-Sur Cordina rringrazzja lill-kulħadd talli aċċettaw li jiltaqgħu b'mod urġenti.

## 53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

53.1.1 Is-Sindku qal li s-Sur John Bonnici kien jinsab imsiefer. Din l-apoloġija ġiet aċċettata.

## 53.2 Approvazzjoni ta' Rapporti tal-Evalwazzjoni Ġbir ta' Skart Goff u Twieqi tal-Ħadid Uffiċċini Ġodda tal-Kunsill

53.2.1 Is-Sur Cordina qal li l-Bord kien kompost minn:

Christopher Falzon – Evalwatur
Remigio Bartolo – Evalwatur
L-Avukat Helen Caruana – Evalwatur
Stefan Cordina – Ċermen
Karen Fsadni – Segretarja tal-Bord

Is-Segretarju Ezekuttiv bdiet bit-tender tat-twieqi tal-ħadid fejn qalet li kien hemm żewġ *bids:*
Jesmond Bouvet € 8,500
E&L Enterprise Limited € 10,560

Intalbet kjarifika minħabba li Jesmond Bouvet li kien l-irħas offerent ma kienx issottometta il-*warrant* tal-Perit Adriana Zammit u l-*istatements of availabililty* ma kienux iffirmati u wara li din il-kjarifika ġiet irrisponduta il-Bord tal-Evalwazzjoni irrakkomanda li din it-tender tingħata lil Jesmond Bouvet.

Is-Sur Cordina qal li din it-tender tikkonsisti fil-ħadid ta' protezzjoni għall-ħġieġ tal-Uffiċċini l-ġodda.

Kulħadd qabel u r-rapport ġie approvat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tieni tender kien dak tal-Ġbir ta' Skart Goff fejn kien hemm ħames sottomissjonijiet:
Malta Recycle and Waste Collecion Limited € 11,000
Veladrians Limited € 45,801.60
WM Enviromental Limited € 24,000
Ronald Bezzina € 10,400
Melchiore Dimech € 12,000

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nħasset il-ħtieġa li jintalbu xi kjarifiki dwar il-permessi tal-ERA u l-Euro versions tat-trakkijiet.

Dawn intalbu lil Malta Recycle and Waste Collection Limited u lil Ronald Bezzina u kull ma riedu jikkjarifikaw hu li l-vetturi sottomessi kienu Euro V. Huma kkonfermaw li l-vetturi huma Euro V u li l-permess tal-ERA sottomess ġie provdut wara li għalqu l-offerti. Dawn iż-żewġ bidders ġew skwalifikati wara li ġew evalwati d-dokumenti u għaldaqstant ma setgħux ikomplu għal fażi finali, dik finanzjarja.

Il-kumplament:
Veladrians Limited
WM Enviromental Limited u
Melchiore Dimech instabu amministrattivament u teknikament *compliant.*

Fil-fażi finanzjarja dawn ġew klassifikati hekk:

1. Melchiore Dimech
2. WM Enviromental Limited
3. Veladrians Limited

Il-Bord irrakomanda li t-tender jingħata lil Melchiore Dimech għal prezz ta' €12,000 eskluż il-VAT.

Is-Sur Cordina irrepeta kollox a benefiċċju tal-Perit Schembri li min-naħa tiegħu qal li ġaladarba kollox jaqbel mal-ispeċifikazzjonijiet m'għandux oġġezzjoni.

Kulħadd qabel u r-rapport ġie approvat.

## 53.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

53.3.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-5.41pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' Novembru 2022 fis-5.30pm

Konfermati, illum 23 ta' Novembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |